MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 390/2008

**Carmel Schembri (I.D. Card Nru. 370856M) u Carmen Schembri (I.D. Card Nru.435958 M)
Vs
Phone Direct Limited (C 27107)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ta' l-atturi permezz ta' liema jitolbu li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas is-somma komplessiva ta' hdax-il elf, erba' mija u hamsin Ewro u disghin centezmu (€11,450.90), konsistenti in kwantu ghal hamest elef seba' mija u erbgha u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmi (€5,764.27) rapprezentanti disa' skadenzi ta' kera mill-1 ta' Marzu 2008 sal-1 ta' Novembru 2008 fuq il-garaxx ''Adrian'' Tal-Handaq Road, Qormi mikri mill-atturi lis-socjeta' konvenuta in forza ta' skrittura ta' lokazzjoni tas-17 ta' Novembru, 2004, u in kwantu ghal hamest elef sitt mija u sitta u tmenin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€5,686.63) rapprezentanti disa' skadenzi ta' kera mill-1 ta' Marzu 2008 sal-1 ta' Novembru 2008 fuq il-

garaxx ‘‘Cladia’’ Tal-Handaq Road, Qormi mikri mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta in forza ta’ skrittura ta’ lokazzjoni tas-7 ta’ Marzu 2005. Bl-imghax legali konteggjat mill-24 ta’ Novembru 2008, id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Novembru 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru u tal-mandat ta’ qbid ipprezentati kontestwalment ma’ l-Avviz, kontra l-konvenut.

Rat li mill-atti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz izda ma kkonstestatx fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet ix-xhieda ta’ l-attur Carmel Schembri waqt is-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2010 fejn spjega l-bazi tal-kreditu tieghu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u ikkonferma li l-ammont minnu mitlub fir-Rikors promotur ghadu kollu dovut.

Ikkunsidrat :

Illi l-ispjegazzjoni li ta l-attur in gustifikazzjoni tat-talba tieghu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, liema spjegazzjoni ma gietx kontradetta, hija ferm kredibbli u tirrizulta bhala ghal kollox veritjera. B’hekk l-atturi huma gustifikati li jesigu minghand is-socjeta’ konvenuta il-hlas tas-somma komplessiva ta’ hdax-il elf, erba’ mija u hamsin Ewro u disghin centezmu (€11,450.90), konsistenti in kwantu ghal hamest elef seba’ mija u erbgha u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmi (€5,764.27) rapprezentanti disa’ skadenzi ta’ kera mill-1 ta’ Marzu 2008 sal-1 ta’ Novembru 2008 fuq il-garaxx ‘‘Adrian’’ Tal-Handaq Road, Qormi mikri mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta in forza ta’ skrittura ta’ lokazzjoni tas-17 ta’ Novembru, 2004, u in kwantu ghal hamest elef sitt mija u sitta u tmenin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€5,686.63) rapprezentanti disa’ skadenzi ta’ kera mill-1 ta’ Marzu 2008 sal-1 ta’ Novembru 2008 fuq il-garaxx ‘‘Cladia’’ Tal-Handaq Road, Qormi mikri mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta in forza ta’ skrittura ta’ lokazzjoni tas-7 ta’ Marzu 2005.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi is-somma komplessiva ta’ hdax-il elf, erba’ mija u hamsin Ewro u disghin centezmu (€11,450.90), bl-imghax legali konteggjat mill-24 ta’ Novembru 2008 (id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz) sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-spejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Novembru 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru u tal-mandat ta’ qbidipprezentati kontestwalment ma’ l-Avviz, jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------